LIL HABIBI DUN KARM*

(Mill-Ingliż ta' Ġuże Aquilina) (1).

Lil dak li sawwar ġmiel-il-versi tagħna,
ħelwa lid-daqq imewweġ, daqq ferrieħi,
ħabbâr il-fidwa t'Artna, s-sebħ u l-barka,
nixtieq, safja w ħanina minn din qalbi
ngħanni l-għanja ta' ħajr. Mhux aktar ħarxa
l-art li ma taf il-ħidma, ż-żara dehbi,
minn dak l-Ilsien, bla xemx-il-ħajja fuqu,
nieqes mid-dawl, minn kullma tħaddan l-Arti
kbira u fejjieda. 'Ma l-Poeta għaraf
iħaddem dan l-Ilsien, u jorbot miegħu,
f'milja ta' ferħ, fehmtu ta' ġmiel u saħħa.
Għax Alla qal, Alla, ħabib l-għannejja,
--U s-Sebħ kien jidħak dik id-daħka rżina
wil-mewġ ibus ix-xtajta---"Fikom nibgħat
gżejjer tas-sliem u l-fwieħa, qaddej tiegħi
li f'dehriet kbar iwaħħad Żmien u Beraħ",
u kelmtu tgħanni t-tamiet li jħaddru
fil-qawwa ta' t-Twemmin, ġo qalb il-bniedem."
Fostna l-Poëta qiegħed bħala warda

---

* Twieled fis-sena 1871. Għallem għal żmien twil, u wera ruħu sewwa fil-poeżija taljana. Għal erbgħa-u-għoxrin sena sħaħ, ħadem bla heda, b'xejra ta' bil-ħaqq letterarja, għat-tmexxija 'l quddiem tal-Lsien Malti. Il-poeżija tiegħu, miktuba b'malti safi u mexxej, nistgħu nqegħduha ħdejn l-ogħna versi ta' kittieba taljani u ingliżi ta' żmienna.

Bħala kittieb tal-poeżija, jidher sewwa fl-Antoloġija "*Poeti Maltesi d'oggi*" ta' O. F. Tencajoli. Dino Danti f'ġurnal magħruf taljan, kif kien jitkellem minn dan il-ktieb, qal fost kollox illi l-poeżija ta' Dun Karm hi miktuba "*in un italiano purissimo*" 'b'taljan mill-aktar sa fi.'

Dun Karm, bħala poeta malti, jaf l-imħabba u l-ħajr ta' dawk li jżommu l-Malti bħala lsien f'xejn inqas minn ilsna oħra, iżda huwa wkoll jaf iċ-ċiera, u l-buri ta wħud li l-ġiri wara l-barrani ħassrilhom qlubhom. Tifħir sabiħ lill Dun Karm mill-barranin, insibuh f'*La Parenthèse* ta' Diċ. 1934, u *Afrique* ta' ta' Nov. u Diċ. 1934.

(1). *To my friend, Dun Karm*; ara l-*Journal of the Malta University Literary Society*, Vol. II, paġ 208.

mxebilka bejn l-ġħollieq li qalbha jweġġa
ġmielha jaħbi u ħlewwitha. O żmenijiet,
o żmenijiet imwieġħra, tafu l-ġħadu
kemm iħabrek u jgħarrex hawnhekk, fostna.
Mhux aħna ċħadna dak il-Ġħannej ħiemed
Li Alla nissel f'Artna? U dak il-Ġħana,
mera ta' min fil-ħidma xejjaħ ħajtu,
u ħeġġeġ ruħu b'nar il-ġħerf u s-Sewwa,
—L-Ġħana li jilma f'dawl ix-xemx ħanina?
Issa naqax iż-żmien fuq ġbinu r-radda,
ir-radda ta' x-xjuħija: xagħru bjad
Fost l-imrar li tul-ħajtu xxeblek mieġħu,
ġħax aħna, kiefra! bl-oħla rand libbisna
ras il-barrani: ħsibnieh ġħasel kliemu
iżda kien frugħa li ġġib ġħajb u ħsara.
Ġħalhekk mela, Poeta, l-ġħanja msaħħra
li tleħħ f'ġħajnejk ma' dawl il-ħarsa kbira,
sejjer ma nħobb, u flokha naħtar ġħana
tal-barrani, nisel li mhux ta' ġensna?
Sejjer ma ntik ta' l-ħajr il-kelma bnina
issa li qalbek ġħadha tħabbat fostna?
Je' nħalli sa ma l-mewt titfa' d-dell tagħha
fuq ħsiebek qawwi, u fuq fehmtek sħiħa?
Tad-demm il-mewġa ta' kulljum qed tonqos,
u ħarstek f'tarf il-qabar, o Poëta,
l-ġħala mmela ma ntikx ta' l-ġieħ il-kelma
qabel ma leħnek safi leħnek ħlejju—
imut ġo qabar ħiemed? Oh poëma,
Int taf imħabbti, w int wassallu l-ġħanja,
Ġħidlu: "Ġejja minn wieħed ħabib Malta,
li bħalek xtaq il-Ħaqq, u ġħaraf 'l Alla
b'ġħajn ta' kull ġid". Ġħidlu li jien ħabbejtu,
u tlabt is-sagħtar wis-smewwiet ta' Malta
jifirxu triq ta' ġmiel mal-passi tiegħu
meta ġħajjien, jaħasra! minn din ħajtu
jisfa bla dawl—id-Dawl li kebbes ruħu
xħin lemaħ il-Pittur inaqqas ħsiebu
fuq tila tħeġġeġ taħt id-dija ħamra
ta' nżul ix-xemx; sa ma minn qalbu ħarġet

qawwija l-ghajta : "O kemm hi sabiha
is-sengha tieghek, iżda iż-żmien itemmha,
itemm l-ilwien li d-dehen kien jaf ilaqqa'.
Alla mhux hekk ! Ix-xemx mitt darba tinżel,
mitt darba tghib fi xmara dawl u dija
fost il-hlewwiet li jxerred dak l-Imsahhar."
Sellimlu, ghanja tieghi. Hu jaf sewwa
l-imhabba li taf thoss il-qalb żaghżugha.

ĠUŻI CHETCUTI.